

**Digriet tal-Qorti Ġeneral tat-2 ta' Settembru 2014 – Verein Natura Havel u Vierhaus vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-538/13) <sup>(1)</sup>

[“Aċċess għad-dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Ittra ta’ intimazzjoni fil-kuntest ta’ proċedura pendiġi għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu li tirrigwarda l-konformità tad-dritt Ġermaniż tal-avjazzjoni mad-dritt tal-Unjoni — Rijut ta’ aċċess — Eċċeazzjoni relatata mal-protezzjoni tal-għanijiet tal-attivitajiet ta’ spezzjoni, ta’ investigazzjoni u ta’ awditu — Rikors parżjalment manifestament inammissibbli u parżjalment infondat fid-dritt”]

(2014/C 380/18)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Verein Natura Havel eV (Berlin, il-Ġermanja) u Hans-Peter Vierhaus (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: O. Austilat, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment B. Martenczuk u C. Zadra, sussegwentement B. Martenczuk u J. Baquero Cruz, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament, minn naħa, tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-24 ta’ Ġunju 2013, li tiċħad it-talba inizjali għal aċċess għal ittra ta’ intimazzjoni indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja skont l-Artikolu 258 TFUE u, min-naħħa l-oħra, tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-3 ta’ Settembru 2013, li tiċħad it-talba konfermattiva għal aċċess għal din l-ittra.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Verein Natura Havel eV u Hans-Peter Vierhaus huma kkundannati għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 344, 23.11.2013.

**Rikors ippreżentat fit-23 ta’ Ġunju 2014 – Ertico – Its Europe vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-499/14)

(2014/C 380/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: European Road Transport Telematics Implementation Coordination Organisation – Intelligent Transport Systems & Services Europe (Ertico – Its Europe) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: M. Wellinger and K. T'Syen, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-deċiżjoni tal-Panil tal-Validazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tal-15 ta’ April 2014, li tikkunsidra li r-rikorrenti ma taqax fil-kategorija ta’ impriżzi mikro, żgħar u medji, fis-sens tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE, tas-6 ta’ Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta’ impriżzi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, p. 36); u
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-proċeduri.